MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 52/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. A. Farrugia)**
**Vs**
**Alfred Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' Bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi, wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti

jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw, u cioe' iffalsifika l-firma ta' Joseph Borg fuq skrittura privata w aktar talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija hawn fuq u dan bi ksur ta' l-Art. 183 u Art. 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446, illiberatu bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.
Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju r-responsabbilta' tal-appellant u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti, u cioe' :- Li fil-waqt li l-espert kalligrafu kkonferma li l-firma ma kienetx ta' Joseph Borg, pero' ma setax jghid li kien ghamilha l-appellant. B'dana kollu l-Ewwel Qorti ddikjarat li hija konvinta li kien l-appellant li ffalsifika din il-firma w dan fil-bicca l-kbira bbazatu fuq l-inverosimilijanza tal-versjoni tal-appellant. L-Ewwel Qorti naqset li tikkonsidra li Borg kien xhud li difficilment seta' jissejjah indipendenti w dizinteressat fl-ezitu li seta' gab mieghu id-dokument in kwistjoni. Ghalhekk, fil-mankanza ta' prova xjentifika kif trid il-ligi, ma hux korrett legalment li l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni bbazata fuq asserzjoni ta' xhud bhal dan. Rigward l-akkuza ta' uzu xjenti, l-Ewwel Qorti bbazat ruha fuq l-istqarrija tal-appellant. Pero' imkien fil-process ma hemm provi dwar l-atti gudizzjarji li fihom suppost intuza d-dokument falsifikat. Lanqas Borg stess ma semma li

dan id-dokument intuza f' xi kawza. Qal biss li sar jaf bih minnghand l-Avukat tal-appellant. Illi huwa aggravanti l-fatt li fejn l-Ewwel Qorti rriskontrat fatt inkolpanti fl-istqarrija tal-appellant, dan assumietu bhala l-verita' minkejja n-nuqqas tal-ahjar prova fl-atti, fil-waqt li skartat il-versjoni tieghu fl-istess stqarrija, fejn sahaq li hu ma kkommetta ebda falsifikazzjoni.

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell hu bazat fuq l-apprezzament tal-provi traskritti fil-process li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwl Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “*inter alia”* l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**” [12.5.94; **“Ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi”** [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **“R. v.**

**Cooper”** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed*.” (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Ivan Gatt”,** deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-

*“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament .”*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija dwar l-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati.

Illi l-provi traskritti fil-process jistghu jigu sintetizzati kif gej:- Joseph Borg u l-appellant kienu ghamlu ftehim dwar

it-tmexxija ta' fond kummercjali f' Bugibba fl-24 ta' Jannar,1977, per mezz ta' skrittura privata li saret ghand in-Nutar Dr. George Cassar. Din l-iskrittura kellha jkollha effett retro-attiv mill-1 ta' Lulju, 1976. Qam dissidju bejn Borg u l-appellant u Borg ghamel kawza ta' zgumbrament kontra l-appellant fil-waqt li l-appellant ghamel kawza biex jigi dikjarat li l-ftehim in kwistjoni kien wiehed simulat u li hu kien qed jokkupa l-fond *de quo* b' titolu ta' kiri. Faqqsu diversi kawzi dwar l-istess fond matul is-snin fil-Qrati Civili. Fil-kors tal-istraxxiku ta' dawn il-kawzi, l-appellant isostni li waqt li kien qed ifittex xi dokumenti biex jipprezenthom f' wahda min dawn il-kawzi kontra Borg, kien sab dokument datat 1 ta' Gunju, 1976, ossia skrittura ta' lokazzjoni tal-hanut "TRAMPS", Spring Street, Bugibba, ffirmat minnu w minn Borg. Kien ha dad-dokument biex jigi transuntat ghand in-Nutar Dr. Joseph Saydon fil-15 ta' Dicembru, 1994, kif fil-fatt sar. (fol. 32 tal-process) L-appellant, fl-istqarrija tieghu, qal li dan id-dokument hekk transuntat gie prezentat f' wahda mill-kawzi li kien hemm pendenti bejnu w bejn Borg.

Il-prosekuzzjoni tallega li din l-iskrittura tal-1 ta' Gunju, 1976 (li kopja taghha tinsab a fols. 33 u 34) kienet giet falsifikata ghaliex il-firma li hemm fuqha mhix ta' Borg. Dan hu pruvat mir-relazzjonijiet tal-espert kalligrafu Martin Bajada, (fols. 111 sa 121 u 138 sa 151 tal-process) li jghid li din la giet miktuba w lanqas iffirmata minn Borg, pero' ma setax jghid li l-falsifikazzjoni necessarjament saret mill-appellant, fuq il-kampjuni li kellu. Din il-konkluzzjoni mhux qed tigi kontestata mill-appellant.

L-Ewwel Qorti ghamlet serje ta' konsiderazzjonijiet fis-sentenza motivata taghha w proprju waslet ghall-konkluzzjoni bazata fuq provi indizjarji li l-firma ta' Borg saret mill-appellant, kif ukoll li l-appellant kien uza dan id-dokument bil-firma falza ta' Borg xjentement.

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti ma ssib xejn manifestament erronju fir-ragunament u l-motivazzjoni dettaljata tal-ewwel Qorti li twassalha biex tissindaka l-apprezzament tal-fatti li

ghamlet dik il-Qorti. Ir-ragunijiet li tat l-Ewwel Qorti huma kollha validi w sewwa qalet l-Ewwel Qorti li l-provi indizjarji kollha kienu jindikaw li din il-falsifikazzjoni setghet saret biss mill-appellant ladarba l-iskrittura li hija indubbjament falsifikata kienet dejjem fil-pussess tieghu biss u ta' hadd aktar. Apparti li hu biss kellu interess li jiffalsifikha w hadd aktar, il-mod kif l-appellant fl-istqarrija tieghu l-ewwel qal li Borg gabilhu d-dar tieghu miktuba lesta w ffirmata mill-istess Borg umbaghad fl-istess nifs beda jghid li Borg iffirma mieghu kif ukoll il-mod kif xehed l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti (Fols. 154 sa 156) seta' legittimament induca lil dik il-Qorti biex ma tatihx kredibilita' w ergo twarrab ic-cahda tieghu li ffalsifika id-dokument.

Imbaghad il-fatt li Qorti tiskredita xhud in parte ma jfissirx li ghandha tiskreditah f' kollox. Il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u <u>f’ hix ser temmnu jew ma temmnux</u>. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Thorne" [9.7.2003] u ohrajn). Ghalhekk il-fatt li l-Ewwel Qorti accettat xi parti mill-versjoni tal-appellant u skartat ohrajn la hu irragonevoli w lanqas illegali.

Ikkonsidrat;

Illi umbaghad dwar it-tieni imputazzjoni, apparti li l-appellant innifsu fl-istqarrija tieghu (a fols. 12 u 13) jammetti li kien uza din l-iskrittura billi pprezentaha fl-atti ta' kawza, bil-fatt innifsu li l-appellant ha l-iskrittura biex tigi transuntata ghand Nutar, jigi li ghamel uzu minnha. Hu risaput li dokument  privat jigi transuntat ghand Nutar biex, apparti li jigi prezervat b' mod ufficjali, tkun tista' jsir riferenza ghalih aktar il quddiem b' mod li l-fatt li jkun hekk transuntat jaghtih vesti w apparenza ta' awtenticita' w ergo ta' forza probatorja aktar qawwija f' kaz li jigi uzat, billi per ezempju n-Nutar jirrilaxxja kopji tieghu. Ghalhekk anki jekk ma jirrizultax f' liema kawza dad-dokument hekk falsifikat gie esebit, bil-fatt biss li l-appellant "*ex admissis"* hadu ghand Nutar biex jittransuntah, gie li ghamel uzu minnu.

Jekk, umbaghad, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, kien l-appellant li bil-fors kien iffalsifika l-istess dokument, isegwi li dan l-uzu l-appellant kien ukoll ghamlu xjentement.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tara li m'ghandhiex raguni ghaliex ticcensura jew tvarja l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti w ergo l-aggravji tal-appellant qed jigu respinti bhala infondati.

Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------